Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

Maġistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Clayton Camilleri]

[Spettur Andrew Agius Bonello]

vs

Ale Adnam Hussein

Kumpilazzjoni Numru:260/23

Illum, 26 ta' Marzu, 2023

Il-Qorti;

Rat l-akkużi miġjuba kontra Ale Adnam Hussein detentur tal-karta tal-identità numru 0198228A:

1. U akkużat talli nhar is-06 ta' Marzu 2023 għall-ħabta ta' bejn il-erbgħa ta' filgħaxija (16:00hrs) u s-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs), ġewwa Naxxar bil-ħsieb li jagħmel delitt u ċioe li minagħjr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Mario Schembri f'perikolu ċar, permezz ta' arma irregulari jikkaġuna ħsara ta' natura gravi u permanenti fil-ġisem tiegħu, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u tgħa bidu għall-esekuzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma' ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volunta tiegħu;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostantzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed l-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Mario Schembri skond kif ġie ċċertifikat minn Dott. Martha Grima MD Reg. No. 3980 tal-Isptar Mater Dei u / jew diversi tobba oħra;

3. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

4. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kiser il-paċi u l-ordni pubbliku b'għajjat, storbju u ġlied;

The Prosecution requests that in case of guilt besides the punishment, the said person will be ordered to pay for all the expenses of experts, as stated in Article 533 of Chapter 9 of the Laws of Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll li sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-imsemmi Mario Schembri jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari tiegħu minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni favur Mario Schembri u l-familjari tiegħu, u dan skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti;

Semgħet il-provi;

Rat l-artikoli indikati u ċioè l-Artikoli 64, 221, 214, 215, 216, 217, 218, 41(a), 339(1)(e), 338(dd), 533 u 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-akkużi kollha kif dedotti kontrih u kkonferma tali ammissjoni anke wara li ngħata ż-żmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruħu.

Stante ammissjoni bikrija, il-Qorti qed issib lill-imputat Ale Adnam Hussein ħati tal-akkużi kif dedotti kontrih u stante li t-tielet (3) u r-raba' (4) akkużi huma assorbiti fl-akkużi l-oħra, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta'

Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor għal żmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed timponi Ordni ta' Trażżin taħt l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien tliet (3) snin fil-konfront tal-akkużat Ale Adnam Hussein, liema ordni qiegħda tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem sempliċi r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tiġix obduta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Maġistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reġ.**